MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2008

Rikors Numru. 389/2008

**Av. Kenneth Grima bħala mandatarju speċjali ta' *Trillion Limited***

***Versus***

***Boss Holdings Limited* u *Boss Media Malta Poker Limited***

Dan il-provvediment huwa dwar talba ta' *Boss Holdings Limited* u *Boss Media Malta Poker Limited* biex jitħassar mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ kontra tagħhom fuq talba ta' *Trillion Limited* ["is-sekwestranti"]. Qabel is-smigħ tar-rikors il-mandat kontra *Boss Holdings Limited* twaqqa', u baqa' fis-seħħ biss kontra *Boss Media Malta Poker Limited* ["is-sekwestrata"].
L-ewwel raġuni għat-talba tas-sekwestrata hija illi din il-qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni biex toħroġ il-mandat taħt l-art. 742 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Ma ngħatat ebda raġuni għala s-sekwestrata qiegħda tgħid illi din il-qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni. Minn dak li jidher is-sekwestrata hija soċjetà reġistrata f'Malta u għalhekk titqies li għandha domiċilju jew toqgħod f'Malta, u hija soġġetta għall-ġurisdizzjoni ta' din il-qorti taħt l-art. 742(1)(*b*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Din il-qorti għalhekk kellha s-setgħa li toħroġ il-mandat.

Is-sekwestrata qiegħda tgħid wkoll illi l-ammont imħares taħt il-mandat ma huwiex *prima facie* ġustifikat, għax ma hemm ebda relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, u huwa wkoll eċċessiv, għax kien likwidat arbitrarjament mis-sekwestranti.

Tassew illi lil din il-qorti ntwera kuntratt bejn *Boss Media Antigua Limited*, soċjetà reġistrata l-Kanada, u *Pokertrillion Limited*, soċjetà reġistrata l-Ingilterra. Madankollu, relazzjoni kuntrattwali tista' tinħoloq mhux biss b'kitba iżda wkoll bi mġieba tal-partijiet. Dan jidher li ġara f'dan il-każ, kif jixhed il-fatt illi l-istess sekwestrata b'ittra tad-19 ta' Marzu 2008 għarrfet lis-sekwestranti illi "*Boss Media Malta Poker Limited hereby terminates the PPA* [*Poker Paretnership Agreement*]". Li kieku tassew ma kienx hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, magħrufa wkoll mill-istess sekwestranti, is-sekwestranti ma kinitx tħoss il-ħtieġa li tikteb lis-sekwestrata biex ittemm dik ir-relazzjoni.

Is-sekwestranti qiegħda tgħid ukoll illi l-ammont imħares taħt il-mandat huwa wisq u kien likwidat arbitrarjament mis-sekwestranti.

Il-qorti, wara li qiset il-valur tan-negozju milqut bil-ftehim u rat il-*projections* maħduma mis-sekwestranti, hija tal-fehma li, għallinqas *prima facie*, ma jidhirx illi l-ammont huwa eċċessiv jew arbitrarju. Naturalment, il-kontijiet għandhom jitqiesu u jkunu mgħarbla b'aktar dettall waqt is-smigħ tal-kawża fuq il-meritu, iżda, għall-għanijiet tal-proċeduri tallum, huwa biżżejjed li jingħad illi ma jidhirx li *prima facie* l-ammont huwa eċessiv.

Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi s-sekwestrata ma wrietx illi hemm raġunijiet biżżejjed għala l-mandat għandu jitħassar, u t-talba għat-tħassir tal-mandat hija miċħuda.

L-ispejjeż ikunu regolati skond l-eżitu tal-kawża fuq il-meritu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------